

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1584

tat-22 ta' Ottubru 2018

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2008 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 25 l(3)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 <sup>(2)</sup> jippermetti li fl-istadji tat-tismin l-għalf naturali tal-gambli u tal-gambli tal-ilma ħelu (*Macrobrachium* spp.) jiġi supplimentat kif imsemmi fit-Taqsima 7 tal-Anness XIIIa ta' dak ir-Regolament. Għal dawk il-gambli fl-istadji tal-ħajja aktar bikrin fil-mixtliet u fil-mafqsiet, is-supplimentazzjoni tal-għalf, b'mod partikolari l-ħtieġa ta' kolesterol, hija essenzjali għall-iżvilupp tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li s-supplimentazzjoni tal-għalf bil-kolesterol tiġi estiża għal dawk il-gambli fl-istadji aktar bikrin tal-ħajja tagħhom ukoll.
- (2) Skont l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 il-minerali (oligo-elementi inklużi), il-vitamiċi, l-aminoaċidi u l-mikronutrijenti, jistgħu jintużaw fl-ipproċessar tal-ikel organiku biss sakemm l-użu tagħhom ikun legalment meħtieġ fl-oġġetti tal-ikel li fihom huma inkorporati. Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-137/13 <sup>(3)</sup>, l-użu ta' dawn is-sustanzi fl-ipproċessar tal-ikel organiku huwa legalment meħtieġ biss meta dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali kompatibbli miegħu tirrikjedi direttament li tiġi miżjuda sustanza f'oġġett tal-ikel sabiex dan l-oġġett tal-ikel jitqiegħed fis-suq.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup> se jippermetti l-użu tal-minerali (oligo-elementi inklużi), tal-vitamiċi, tal-aminoaċidi jew tal-mikronutrijenti fil-formula tat-trabi u fil-formula ta' prosegwiment u fl-ikel organiku pproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u fl-ikel tat-trabi meta l-użu tagħhom ikun awtorizzat mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Sabiex jiġi evitat li jkun hemm diskrepanza bejn l-interpretazzjoni attwali tal-użu ta' dawn is-sustanzi fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-leġiżlazzjoni organika li jmiss, huwa xieraq li l-użu tagħhom jiġi permess fil-produzzjoni tal-ikel tat-trabi organiku għat-trabi u għat-tfal żgħar.

<sup>(1)</sup> ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

<sup>(3)</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Novembru 2015, C-137/13, ECLI:EU:C:2014:2335.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

- (4) L-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 jippermetti, f'ċerti kundizzjonijiet u meta ma jkunx hemm disponibbli għattuq imkabbar b'mod organiku, li jintuża għattuq imkabbar b'mod mhux organiku għall-produzzjoni tal-bajd ta' mhux aktar minn 18-il ġimgħa biex jiddaħħal f'unità ta' bhejjem organiċi sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (5) Il-produzzjoni tal-għattuq imkabbar b'mod organiku għall-produzzjoni tal-bajd mhijiex disponibbli fi kwantità u bi kwalità suffiċjenti fis-suq tal-Unjoni biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-bdiewa tat-tiġieġ li jbidu. Sabiex ikun hemm aktar ħin għall-produzzjoni ta' għattuq imkabbar b'mod organiku għall-produzzjoni tal-bajd u sabiex jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-produzzjoni ta' għattuq imkabbar b'mod organiku, il-perjodu ta' applikazzjoni tar-regoli ta' produzzjoni eċċezzjonali għall-għattuq imkabbar b'mod mhux organiku għall-produzzjoni tal-bajd ta' mhux aktar minn 18-il ġimgħa jenħtieġ li jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (6) L-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 jippermetti l-użu ta' massimu ta' 5 % tal-għalf tal-proteini mhux organiku għall-ispeċijiet tal-ħnieżer u tat-tjur għal kull perjodu ta' 12-il xahar għas-sena kalendarja 2018.
- (7) Il-provvista tal-proteini organiċi mhijiex disponibbli fis-suq tal-Unjoni fi kwantità u bi kwalità suffiċjenti biex tissodisfa l-ħtiġijiet nutrizzjonali tal-ħnieżer u tat-tjur imrobbija fl-irziezet organiċi. Il-produzzjoni tal-għejejel organiċi tal-proteini għadha lura meta mqabbla mad-domanda. Għalhekk huwa xieraq li l-perjodu li fih huwa permess li jintuża proporzjon limitat ta' għalf tal-proteini mhux organiku għall-ispeċijiet tal-ħnieżer u tat-tjur jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (8) L-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jipprevedi l-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar każijiet ta' irregolaritajiet jew ksur li jaffettwaw l-istatus organiku ta' prodott. L-esperjenza turi li l-għodod attwali għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni fil-każ li Stat Membru jsib xi irregolaritajiet jew ksur fir-rigward ta' prodott li ġej minn dak l-Istat Membru, jridu jitjiebu. Sabiex jissaħħu l-effiċjenza u l-effettività, it-tali komunikazzjonijiet jenħtieġ li jsiru permezz tas-sistema msemmija fl-Artikolu 94(1) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.
- (9) Skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, bosta Stati Membri ppreżentaw dossiers dwar ċerti sustanzi lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiġu awtorizzati u inklużi fl-Annessi I, II u VIII tar-Regolament (KE) Nru 889/2008. Dawk id-dossiers ġew eżaminati mill-Grupp ta' Esperti għall-Parir Tekniku dwar il-Produzzjoni Organika (EGTOP) u mill-Kummissjoni.
- (10) Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-fertilizzanti <sup>(1)</sup> l-EGTOP ikkonkluda, *inter alia*, li s-sustanzi "ġibs industrijali mill-produzzjoni taz-zokkor" fuq il-bażi tal-kannamiela u l-"ksilit" jikkonformaw mal-oġettivi u l-prinċipji tal-produzzjoni organika. Għalhekk, dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.
- (11) Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu rigward il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti <sup>(2)</sup> l-EGTOP ikkonkluda, *inter alia*, li s-sustanzi "Allium sativum (estratt tat-tewm)", "COS-OGA", "Salix spp. Cortex (magħruf ukoll bħala estratt tal-qoxra tas-siġra taż-żafżafa)" u l-"karbonat tal-idroġenu tas-sodju" jikkonformaw mal-oġettivi u l-prinċipji tal-produzzjoni organika. Għalhekk, dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.
- (12) Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-prodotti u s-sustanzi li jintużaw jew jiddiedu fil-prodotti organiċi matul ċerti stadji tal-proċess ta' produzzjoni u bħala tip ta' trattament skont l-Anness I A tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 <sup>(3)</sup> fis-settur tal-inbid <sup>(4)</sup> l-EGTOP ikkonkluda, *inter alia*, li s-sustanzi "proteini tal-patata", "estratti tal-proteina tal-ħmira" u "Kitosan derivat mill-Aspergillus niger" għall-kjarifika (il-punt 10 tal-Anness I A tar-Regolament (KE) Nru 606/2009), "ħmira inattivata, awtolizati tal-ħmira u qxur tal-ħmira" għaż-żieda (il-punt 15 ta' dak l-Anness), "mannoproteini tal-ħmira", u "Kitosan derivat mill-Aspergillus niger" għall-użu (il-punti 6, 35 u 44 ta' dak l-Anness) jikkonformaw mal-oġettivi u l-prinċipji tal-produzzjoni tal-produzzjoni organika. Għalhekk, dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.
- (13) Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fir-rigward ta' prodotti għat-tindif u għad-dizinfekzjoni <sup>(5)</sup>, l-EGTOP ikkonkluda, *inter alia*, li l-idrossidu tas-sodju jenħtieġ li jkun disponibbli wkoll għat-trobbija tan-naħal organika.
- (14) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 889/2008 jiġi emendat skont dan.

<sup>(1)</sup> Final Report on Fertilisers (II) [https://ec.europa.eu/agriculture/organic/eu-policy/expert-advice/documents/final-reports\\_en](https://ec.europa.eu/agriculture/organic/eu-policy/expert-advice/documents/final-reports_en)

<sup>(2)</sup> Final report on plant protection (III) [https://ec.europa.eu/agriculture/organic/eu-policy/expert-advice/documents/final-reports\\_en](https://ec.europa.eu/agriculture/organic/eu-policy/expert-advice/documents/final-reports_en)

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jstabilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet applikabbli (ĠUL 193, 24.7.2009, p. 1).

<sup>(4)</sup> Final report on Wine [https://ec.europa.eu/agriculture/organic/eu-policy/expert-advice/documents/final-reports\\_en](https://ec.europa.eu/agriculture/organic/eu-policy/expert-advice/documents/final-reports_en)

<sup>(5)</sup> Final report on cleaning and disinfecting [https://ec.europa.eu/agriculture/organic/sites/orgfarming/files/docs/body/final\\_report\\_egtop\\_on\\_cleaning\\_disinfection\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/agriculture/organic/sites/orgfarming/files/docs/body/final_report_egtop_on_cleaning_disinfection_en.pdf)

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Produzzjoni Organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 889/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 25, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għall-iskopijiet tat-tindif u d-diżinfazzjoni tal-kaxxi, tal-ġebhiet u tax-xehdiet, jista' jintuża l-idrossidu tas-sodju.

Għall-iskop tal-protezzjoni tal-kaxxi, tal-ġebhiet u tax-xehdiet, b'mod partikolari minn organiżmi ta' ħsara, rodentiċidi biss (għall-użu biss fin-nases), u prodotti xierqa elenkati fl-Anness II, huma permessi.”

(2) fl-Artikolu 25(3), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) il-porzjon tal-għalf għall-gambli u għall-gambli tal-ilma ħelu (*Macrobrachium* spp.) imsemmi fit-Taqsima 7 tal-Anness XIIIa jista' jinkludi massimu ta' 25 % ta' ħut mitħun u 10 % ta' żejt tal-ħuta derivat mis-sajd sostenibbli. Sabiex ikunu żgurati l-ħtiġijiet tad-dieta kwantitattivi ta' dawk il-gambli, il-kolesterol organiku jista' jintuża biex jissupplimenta d-dieta tagħhom. Fejn ma jkunx disponibbli l-kolesterol organiku, jista' jintuża l-kolesterol mhux organiku derivat mis-suf, mill-frott tal-baħar bil-qoxra jew minn sorsi oħrajn. L-opzjoni biex id-dieta tagħhom tiġi supplimentata bil-kolesterol tapplika fl-istadju tat-tismin kif ukoll fl-istadji aktar bikrin tal-ħajja fil-mixtliet u fil-mafqsiet.”;

(3) fl-Artikolu 27(1), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(f) minerali (oligo-elementi inklużi), vitamini, aminoaċidi u mikronutrijenti, sakemm:

- (i) l-użu tagħhom fl-ikel għall-konsum normali jkun “rekwiżit legali dirett” fis-sens li jkun meħtieġ direttament mid-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, bil-konsegwenza li l-ikel ma jkun jista' b'ebda mod jitqiegħed fis-suq bħala ikel għall-konsum normali jekk ma jiżdidux dawk il-minerali, il-vitamini, l-aminoaċidi jew il-mikronutrijent; jew
- (ii) fir-rigward tal-ikel imqiegħed fis-suq bħala li għandu karatteristiċi jew effetti partikolari fir-rigward tas-saħħa jew in-nutrizzjoni jew fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi ta' konsumaturi:
  - f'prodotti imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), l-użu tagħhom ikun awtorizzat minn dak ir-Regolament u l-atti adottati abbażi tal-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament għall-prodotti kkonċernati,
  - f'prodotti rregolati mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE (\*\*), l-użu tagħhom ikun awtorizzat minn dik id-Direttiva, jew
  - f'prodotti rregolati mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE (\*\*\*), l-użu tagħhom ikun awtorizzat minn dik id-Direttiva.

(\*) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal iżgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

(\*\*) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal iżgħar (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16).

(\*\*\*) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat- 22 ta' Diċembru 2006 dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE (ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1).”;

(4) fl-Artikolu 42(b), id-data l-“31 ta' Diċembru 2018” hija sostitwita bid-data l-“31 ta' Diċembru 2020”;

(5) fl-Artikolu 43, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-perċentwal massimu ta' għalf mhux organiku tal-proteini awtorizzat għal kull perjodu ta' 12-il xahar għal dawk l-ispeċijiet għandu jkun ta' 5 % għas-snin kalendarji 2018, 2019 u 2020.”;

(6) fl-Artikolu 92a, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a Meta Stat Membru jsib irregolaritajiet jew ksur rigward l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament fir-rigward ta’ prodott li ġej minn dak l-Istat Membru u li jkollu indikazzjonijiet kif imsemmi fit-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u t-Titolu III ta’ dan ir-Regolament jew fl-Anness XI ta’ dan ir-Regolament, u jekk it-tali irregolaritajiet jew ksur ikollhom implikazzjonijiet għal Stat Membru wieħed jew aktar, għandu jinnotifika lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri kkonċernati, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien permezz tas-sistema msemmija fl-Artikolu 94(1) ta’ dan ir-Regolament.”;

(7) L-Anness I huwa sostitwit mit-test stipulat fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament;

(8) L-Anness II huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta’ dan ir-Regolament;

(9) L-Anness VIIIa huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness III ta’ dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta’ Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNEX I

## “ANNEX I

**Il-fertilizzanti, il-kondizzjonaturi tal-ħamrija u n-nutrijenti msemmija fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 6d(2)**

Nota:

A: awtorizzati taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u ttrasportati mill-Artikolu 16(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007

B: awtorizzati taħt ir-Regolament (KE) Nru 834/2007

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss materjali elenkati hawn taħt:	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, kundizzjonijiet għall-użu
A	Demel mill-irziezet	Prodott li jinkludi taħlita ta' ħmieġ tal-annimali u materjal magħmul mill-ħaxix (il-friex tal-annimali). Hija pprojbita l-orijini mill-agrikultura industrijali
A	Demel niexef prodott fl-azjenda u demel diżidrat tat-tjur	Hija pprojbita l-orijini mill-agrikultura industrijali
A	Ħmieġ kompost tal-annimali, inkluż demel tat-tjur u inkluż demel kompost tar-razzett	Hija pprojbita l-orijini mill-agrikultura industrijali
A	Ħmieġ tal-annimali likwidu	Użu wara fermentazzjoni kkontrollata u/jew dilwizzjoni xierqa Hija pprojbita l-orijini mill-agrikultura industrijali
B	Taħlita bil-kompost jew iffermentata ta' skart domestiku	Prodott miksub minn skart domestiku isseparat mill-bidu, li jkun għadda mill-proċess biex isir kompost jew mill-fermentazzjoni anaerobika għall-produzzjoni tal-bijogass Skart domestiku veġetali u tal-annimali biss Meta jkun prodott biss f'sistema ta' ġbir magħluqa u b'monitoraġġ, aċċettata mill-Istat Membru. Konċentrazzjonijiet massimi f'mg/kg ta' materja niexfa: kadmju: 0,7; ram: 70; nikil: 25; ċomb: 45; żingu: 200; merkurju: 0,4; kromu (total): 70; kromu (VI): mhux individwabbli
A	Il-piż	L-użu huwa limitat għall-ortikultura (ortikultura kummerċjali, fiorikultura, arborikultura, mixtla)
A	Skart tal-kultura tal-faqqiegħ	Il-kompożizzjoni inizjali tas-substrat għandha tkun limitata għall-prodotti ta' dan l-Anness
A	Eskrementi tad-dud (vermikompost) u tal-insetti	
A	Il-gwanu	
A	Taħlita bil-kompost jew iffermentata ta' materja veġetali	Prodott miksub minn taħlitiet ta' materja veġetali, li għadda mill-proċess biex isir kompost jew minn fermentazzjoni anaerobika għall-produzzjoni ta' gass bijoloġiku
B	Id-diġestat tal-bijogass li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali kodifieriti b'materjal ta' orijini mill-pjanti jew mill-annimali kif elenkati f'dan l-Anness	Il-prodotti sekondarji tal-annimali (inklużi l-prodotti sekondarji tal-annimali selvaġġi) tal-kategorija 3 u l-kontenut tas-sistema diġestiva tal-kategorija 2 (il-kategoriji 2 u 3 kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> ma jridux joġġinaw minn biedja industrijalizzata.

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss materjali elenkati hawn taħt:	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, kundizzjonijiet għall-użu
		Il-Proċessi jridu jkunu skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 <sup>(2)</sup> . Ma għandux jiġi applikat għall-partijiet li jittieklu tal-għalla
B	Prodotti jew prodotti sekondarji ta' oriġini mill-annimali bħal ta' hawn taħt: Smid tad-demmm Smid tal-qawqab Smid tal-qrun Għadam mitħun jew għadam mitħun mingħajr ġelatina Ħut mitħun Dqiq mil-laħam Smid tar-rix, tax-xagħar u taċ-'chi-quette' Suf Pil (1) Xagħar Prodotti tal-ħalib Proteini idrolizzati (2)	(1) Konċentrazzjoni massima f'mg/kg ta' materja niexfa ta' kromu (VI): mhux individwabbli (2) Ma għandux jiġi applikat għall-partijiet li jittieklu tal-għalla
A	Prodotti u prodotti sekondarji ta' oriġini mill-pjanti għall-fertilizzanti	Eżempji: smid miċ-ċapep taż-żerriegħa taż-żejt, il-qxur tal-kawkaw, l-antraċite tal-malt
B	Proteini idrolizzati ta' oriġni mill-pjanti	
A	L-alka u l-prodotti mill-alka	Sa fejn miksuba b'mod dirett minn: (i) proċessi fiżiċi li jinkludu d-diżidratazzjoni, l-iffriżar u t-tħin (ii) estrazzjoni bl-ilma jew b'aċidu tal-ilma u/jew soluzzjoni alkalina (iii) fermentazzjoni
A	Is-serratura u ċ-ċana	Injam mhux ittrattat bil-kimika wara t-tqaċċit
A	Qxur taz-zkuk magħmula kompost	Injam mhux ittrattat bil-kimika wara t-tqaċċit
A	L-irmied mill-injam	Minn injam mhux ittrattat bil-kimika wara t-tqaċċit
A	Il-fosfat naturali artab	Prodott kif speċifikat fil-punt 7 tal-Anness IA.2. tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> dwar il-fertilizzanti Kontenut tal-kadmju inqas minn jew ugwali għal 90 mg/kg ta' P205
A	Il-fosfat tal-aluminju u l-kalċju	Prodott kif speċifikat fil-punt 6 tal-Anness IA.2. tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003, Kontenut tal-kadmju inqas minn jew ugwali għal 90 mg/kg ta' P205 Użu limitat għall-ħamrija bażika (pH > 7,5)
A	Il-gagazza bażika	Prodotti kif speċifikati fil-punt 1 tal-Anness IA.2. tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003
A	Il-melħ greġġ tal-potassju jew kainit	Prodotti kif speċifikati fil-punt 1 tal-Anness IA.3. tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss materjali elenkati hawn taħt:	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, kundizzjonijiet għall-użu
A	Is-sulfat tal-potassju, li possibbilment jinkludi l-melħ tal-manjesju	Prodott miksub minn melħ greġ tal-potassju permezz ta' proċess ta' estrazzjoni fiżika, li possibbilment jinkludi wkoll il-melħ tal-manjesju
A	Il-ħama u l-estratt tal-ħama	Eskluża l-ħama ammonjaka
A	Il-karbonat tal-kalċju (il-ġibs, it-tafal, il-ġebel tal-ġir mit-ħun, il-litotamniju (maerl), il-ġibs tal-fosfat)	Ta' oriġini naturali biss
A	Il-karbonat tal-manjesju u tal-kalċju	Ta' oriġini naturali biss eż. il-ġibs tal-manjesju, il-manjesju mitħun, il-ġebbla tal-ġir
A	Is-sulfat tal-manjesju (kiserite)	Ta' oriġini naturali biss
A	Is-soluzzjoni tal-klorur tal-kalċju	Trattament għall-weraq tas-siġar tat-tuffieħ, wara identifikazzjoni ta' nuqqas ta' kalċju
A	Is-sulfat tal-kalċju (gypsum)	Prodotti kif speċifikati fil-punt 1 tal-Anness ID. tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 Ta' oriġini naturali biss
A, B	Ġibs industrijali mill-produzzjoni taz-zokkor	Prodott sekondarju tal-produzzjoni taz-zokkor mill-pitravi taz-zokkor u mill-kannamiela
A	Ġibs industrijali mill-produzzjoni ta' melħ raffinat	Prodott sekondarju ta' produzzjoni ta' melħ raffinat mill-ilma mielaħ li jinsab fil-muntanji
A	Il-kubrit elementari	Prodotti kif speċifikati fl-Anness ID.3 tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003
A	Oligo-elementi	Mikronutrijenti inorganiċi elenkati fil-parti E tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003
A	Il-klorur tas-sodju	Melħ estratt mill-minjieri biss
A	Trab tal-ġebel u tafal	
B	Leonardit (Saff organiku mhux ip-proċessat bi kwantità kbira ta' aċidi umiċi)	Jekk jinkiseb bħala prodott sekondarju ta' attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja biss
B	Il-ksilit	Jekk jinkiseb bħala prodott sekondarju ta' attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja biss (eż. prodott sekondarju tal-estraxxjoni minerarja tal-faħam kannella)
B	Kitin (Polisakkarid miksuba mill-qoxra tal-krustaċji)	Jekk tinkiseb biss minn sajd sostenibbli, kif definit fl-Artikolu 3(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 (*) jew akkwakultura organika
B	Saff organikament rikk li ġej minn korpi tal-ilma ħelu fformati bl-esklużjoni tal-ossiġenu (eż. is-sapropel)	Safef organiċi li huma prodotti sekondarji tal-ġestjoni tal-korpi tal-ilma ħelu jew estratti minn żoni li qabel kienu tal-ilma ħelu biss Fejn applikabbli, l-estraxxjoni għandha ssir b'mod li tikkawża impatt minimu fuq is-sistema akkwatika Safef li ġejjin minn sorsi ħielsa minn kontaminazzjonijiet ta' pestiċidi, sustanzi organiċi persistenti li jniġġsu u sustanzi simili tal-petrol biss

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss materjali elenkati hawn taħt:	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, kundizzjonijiet għall-użu
		Konċentrazzjonijiet massimi mg/kg ta' materja niexfa: kadmju: 0,7; ram: 70; nikel: 25; ċomb: 45; żingu: 200; merkurju: 0,4; kromu (total): 70; kromu (VI): mhux individwabbli

- (<sup>1</sup>) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jstabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).
- (<sup>2</sup>) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplementa d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).
- (<sup>3</sup>) ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.
- (<sup>4</sup>) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59)."



## ANNEX II

## “ANNEX II

**Pestiċidi — prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 5(1)**

Is-sustanzi kollha elenkati f'dan l-Anness għandhom jikkonformaw tal-anqas mal-kundizzjonijiet għall-użu kif speċifikat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 <sup>(1)</sup>. Kundizzjonijiet aktar restrittivi għall-użu fil-produzzjoni organika huma speċifikati fit-tieni kolonna ta' kull tabella.

**1. Sustanzi ta' oriġini mill-pjanti jew mill-animali**

Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
<i>Allium sativum</i> (Estratt tat-tewm)	
Azadiraktina estratta minn <i>Azadirachta indica</i> (Is-siġra tan-neem)	
Sustanzi bażiċi (inkluż: Leċitini, sukrożju, fruttożju, hall, xorrox, kloridat tal-kitosan <sup>(1)</sup> , u <i>Equisetum arvense</i> eċċ)	Dawk is-sustanzi bażiċi biss kif definit fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 <sup>(2)</sup> li huma ikel kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u li għandhom oriġini mill-pjanti jew mill-animali Sustanzi li ma għandhomx jintużaw bħala erbiċidi, iżda biss għall-kontroll ta' pesti u mard.
Xama' tan-naħal	Bħala aġent għaż-żbir/protezzjoni għall-feriti biss
COS-OGA	
Proteini idrolizzati minbarra l-ġelatina	
Laminarin	Il-kelp għandu jtkabbar organikament skont l-Artikolu 6d jew jinħasad b'mod sostenibbli skont l-Artikolu 6c.
Feromoni	F'nases u f'distributori biss.
Żjut tal-pjanti	Kull użu awtorizzat, ħliet bħala erbiċida.
Piretrini estratti minn <i>Chrysanthemum cinerariaefolium</i>	
Piretrojdi (id-deltametrina jew il-lambdaċjalotrina biss)	F'nases b'sustanzi speċifiċi li jattiraw, biss; kontra <i>Bactrocera oleae</i> u <i>Ceratitis capitata</i> Wied, biss.
Kwassja estratta minn <i>Quassia amara</i>	Bħala insettiċida biss, repellent.
Repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-animali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaġ	Fuq partijiet tal-għelejjel mhux tajbin għall-ikel u fejn materjal tal-għelejjel ma jiġix ingerit min-nagħaġ jew mill-mogħoż, biss
<i>Salix spp.</i> Cortex (magħruf ukoll bħala estratt tal-qoxra tas-siġra taż-żafżafa)	

<sup>(1)</sup> Miksuba mis-sajd sostenibbli jew mill-akkwakultura organika

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

**2. Mikroorganismi jew sustanzi prodotti minn mikroorganismi**

Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
Mikroorganismi	Li ma joriġinawx minn OĠM.
Spinosad	

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

## 3. Sustanzi oħra għajr dawk imsemmija fit-Taqsimiet 1 u 2

Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet għall-użu
Silikat tal-aluminju (Kaolin)	
Idrossidu tal-kalċju	Meta jintuża bħala fungicida, fis-siġar tal-frott biss, inkluż mixtliet, għall-kontroll ta' <i>Nectria galligena</i>
Diossidu tal-karbonju	
Komposti tar-ram fil-forma ta': idrossidu tar-ram, ossiklorur tar-ram, ossidu tar-ram, taħlita Bordeaux, u sulfat tar-ram tribażiku	Sa 6 kg ta' ram, għal kull ettaru, fis-sena. Għall-għelejjel perenni, b'deroga mill-ewwel paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-limitu ta' 6 kg ta' ram jista' jinqabeż f'sena partikolari sakemm il-kwantità medja effettivament użata tul perjodu ta' 5 snin li jkun jikkonsisti minn dik is-sena u l-erba' snin preċedenti ma tkunx taqbeż is-6 kg.
Fosfat tad-diammonju	Bħala sustanzi speċifiċi li jattiraw fin-nases biss
Etilen	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi fuq ġewwa bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għall-utenti professjonali.
Aċidu xaħmi	Kull użu awtorizzat, ħlief bħala erbiċida.
Il-fosfat ferriku (l-ortofosfat tal-ħadid (III))	Preparazzjonijiet li għandhom jindilku fil-wiċċ bejn il-pjanti kkultivati
Kieselgur (trab tad-diatomi)	
Kubrit tal-ġir (polisulfur tal-kalċju)	
Żejt tal-paraffina	
Il-potassju u l-karbonat tal-idroġenu tas-sodju (magħruf ukoll bħala potassju/bikarbonat tas-sodju)	
Ramel kwarzuż	
Kubrit"	

## ANNEX III

## “ANNEX VIIIa

**Prodotti u sustanzi awtorizzati għall-użu jew addizzjoni fil-prodotti organiċi tas-settur tal-inbid imsemmija fl-Artikolu 29c**

Tip ta' trattament skont l-Anness I A tar-Regolament (KE) Nru 606/2009	Isem il-prodotti jew is-sustanzi	Kundizzjonijiet speċifiċi, restrizzjonijiet fil-limiti u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 1234/2007 u r-Regolament (KE) Nru 606/2009
Punt 1: Użu ta' arjazzjoni jew ossiġenazzjoni	— Arja — Ossiġenu gassuż	
Punt 3: Ċentrifugu u filtrazzjoni	— Perlit — Ċelluloża — Ħamrija bid-dijatomi	Jintuża biss bħala aġent inert tal-filtrazzjoni
Punt 4: L-użu sabiex tinħoloq atmosfera inerta u biex jiġi mmaniġġjat il-prodott protett mill-arja	— Nitroġenu — Diossidu tal-karbonju — Argon	
Punti 5, 15 u 21: Użu	— Ħmira <sup>(1)</sup>	
Punt 6: Użu	— Fosfat diammonju — Kloridat tat-tijamina — Ħmira inattivata, awtolizati tal-ħmira u qxur tal-ħmira	
Punt 7: Użu	— Diossidu tal-kubrit — Bisulfid tal-potassju jew meta-bisulfid tal-potassju	(a) Il-kontenut massimu tad-diossidu tal-kubrit m'għandux jaqbeż il-100 milligramma kull litru għall-inbejjed ħomor kif imsemmija fil-Punt 1(a) tal-Parti A tal-Anness I.B tar-Regolament (KE) Nru 606/2009 u b'livell ta' zokkor residwali ta' inqas minn 2 grammi kull litru  (b) Il-kontenut massimu tad-diossidu tal-kubrit m'għandux jaqbeż il-150 milligramma kull litru għall-inbejjed rożè kif imsemmija fil-Punt 1(b) tal-Parti A tal-Anness I.B tar-Regolament (KE) Nru 606/2009 u b'livell ta' zokkor residwali ta' inqas minn 2 grammi kull litru  (c) Għall-inbejjed kollha l-oħra, il-kontenut massimu tad-diossidu tal-kubrit applikat skont l-Anness I.B tar-Regolament (KE) Nru 606/2009 fl-1 ta' Awwissu 2010, għandu jitnaqqas bi 30 milligramma kull litru.
Punt 9: Użu	— Faħam tal-kannol għal użu enoloġiku	
Punt 10: Kjarifika	— Ġelatina tajba għall-ikel <sup>(2)</sup> — Proteini veġetali mill-qamħ jew mill-piżelli <sup>(2)</sup> — Isinglass <sup>(2)</sup> — Albumina tal-abjad tal-bajd <sup>(2)</sup> — Tannini <sup>(2)</sup> — Proteini tal-patata <sup>(2)</sup>	

Tip ta' trattament skont l-Anness I A tar-Regolament (KE) Nru 606/2009	Isem il-prodotti jew is-sustanzi	Kundizzjonijiet speċifiċi, restrizzjonijiet fil-limiti u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 1234/2007 u r-Regolament (KE) Nru 606/2009
	<ul style="list-style-type: none"> <li>— L-estratti tal-proteina tal-ħmira <sup>(1)</sup></li> <li>— Kaseina</li> <li>— Kitosan derivat mill-<i>Aspergillus niger</i></li> <li>— Kaseinat tal-potassju</li> <li>— Diossidu tas-silikona</li> <li>— Bentonite</li> <li>— Enżimi pektolitici</li> </ul>	
Punt 12: Użu għall-finijiet ta' aċidifikazzjoni	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Aċidu lattiku</li> <li>— Aċidu L(+) tartariku</li> </ul>	
Punt 13: Użu għall-finijiet ta' deaċidifikazzjoni	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Aċidu L(+) tartariku</li> <li>— Karbonat tal-kalċju</li> <li>— Tartrat newtrali tal-potassju</li> <li>— Bikarbonat tal-potassju</li> </ul>	
Punt 14: Żieda	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Reżina tal-arznu Aleppo</li> </ul>	
Punt 17: Użu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Batterja lattika</li> </ul>	
Punt 19: Żieda	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Aċidu L-assorbiku</li> </ul>	
Punt 22: Użu tal-gassifikazzjoni	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Nitroġenu</li> </ul>	
Punt 23: Żieda	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Diossidu tal-karbonju</li> </ul>	
Punt 24: Żieda għall-finijiet ta' stabbilizzazzjoni tal-inbid	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Aċidu ċitriku</li> </ul>	
Punt 25: Żieda	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Tannini <sup>(2)</sup></li> </ul>	
Punt 27: Żieda	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Aċidu metatartariku</li> </ul>	
Punt 28: Użu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Gomma tal-akaċja <sup>(2)</sup> (= gomma Għarbija)</li> </ul>	
Punt 30: Użu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Bitartrat tal-potassju</li> </ul>	
Punt 31: Użu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Ċitrat kuprikum</li> </ul>	
Punt 31: Użu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Sulfat tar-ram</li> </ul>	
Punt 35: Użu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Mannoproteini tal-ħmira</li> </ul>	
Punt 38: Użu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Laqx tal-ballut</li> </ul>	
Punt 39: Użu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Alġinat tal-potassju</li> </ul>	
Punt 44: Użu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Kitosan derivat mill-<i>Aspergillus niger</i></li> </ul>	
Punt 51: Użu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Ħmira inattivata</li> </ul>	
Tip ta' trattament skont l-Anness III, il-punt A.2(b) tar-Regolament (KE) Nru 606/2009	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Sulfat tal-kalċju</li> </ul>	Għall- <i>'vino generoso'</i> jew il- <i>'vino generoso de licor'</i> biss

<sup>(1)</sup> Għall-varjanti ta' ħmira individwali: jekk disponibbli, imnissla minn materja prima organika.

<sup>(2)</sup> Idderivat minn materja prima organika jekk disponibbli."